# INWETTQU FEHMITNA

Fost il-qarrejja ta' *Lehen il-Malti* kien hemm, naħseb, min kemmex xuftejh meta ra xinhuma u liema huma l-fehmiet tagħna fuq tagħlim il-Malti fl-iskejjel u fuq l-eżamijiet ta' bil-fors tal-Malti għal xi Professjonijiet u għal xi uffiċċi tal-Gvern. Kien hemm, naħseb, min raha bi kbira li tifel, wara li jkun ħareġ mill-iskola tal-Gvern u tgħallem jaqra u jikteb bil-Malti tajjeb, ikollu jdum sentejn oħra jitgħallem il-Malti fil-Liċèo. U, naħseb, kien hemm ukoll min tmeżmeż jara l-Malti mdaħħal, skond il-fehmiet tagħna, mqar fl-eżamijiet tal-Matrikola. Iżda aħna, li dejjem qisna kull ma għidna, li dejjem ħsibna u xtarrejna tajjeb kull ma ktibna, mhux biss li xejn ma nnaqqsu u xejn ma nbiddlu mill-fehmiet tagħna, imma aktar inwettquhom u aktar inqawwhom u aktar inżiduhom.

Illum, bħalma jaf kullħadd, skond il-liġijiet li ħarġu minn idejn is-Sultan tagħna, l-lsien Malti daħal fil-Qorti. Minn Ottubru 'l quddiem l-Avukati jibdew jitkellmu bil-Malti fil-kawżi, ix-xhud Maltin, imqar jekk ikunu jafu b'ilsna oħra, jixhdu bil-Malti u x-xhieda tagħhom tinkiteb bil-Malti, l-imħallfin jaqtgħu l-ħaqq bil-Malti, u ħafna xogħol ieħor ta' Avukati, Purkraturi Legali u Skrivani jibda jsir bil-Malti. U l-kitba tal-Qorti tinżamm u tintrefa', bħala tifkira ta' jeddijiet miksura u ta' ħaqq mardud, biex kullħadd, imqar wara mijiet ta' snin, ikun jista' jiftaħha u jaqraha.

Min ma jarax il-ħtieġa ta' tagħlim sħiħ tal-Malti għannies tal-Qorti? Mhux biżżejjed il-Malti mħassar, li x'uħud jafu biss jitkellmu, u anqas mhi biżżejjed ftit ortografija biex Avukat jaqdi dmiru tajjeb fil-Qorti. Għaliex xi avukati għandhom għajta aktar minn sħabhom? Għax jafu jfissru ħsebijiethom bi kliem sabiħ, bi kliem magħżul, bi kliem imqiegħed f'loku, meqjus, marbut u minsuġ tajjeb b'sengħa ta' mgħallem. Kollha jafu bit-taljan, imma mhux kollha jinqalgħu daqs insew fis-sengħa tal-kliem. U nistgħu nżidu

wkoll li l-aktar li jinqalgħu f'dis-sengħa huma dawk li l-aktar tħarrġu fiha f'żgħożithom b'tagħlim sħiħ tal-lsien taljan.

Mela l-avukat Malti għandu f'żgħożitu jitħarreġ tajjeb fis-sengħa tal-kliem. U mhux l-Avukat waħdu, imma dawk kollha li xogħolhom hu ħil-Qorti, ibda mill-ewwel imħallef sal-iżgħar marixxal, jaħtieġ illum li jitrawwmu tajjeb fit-tagħlim tal-Malti, kullħadd skond l-uffiċċju tiegħu. U għal dan jaħtieġu skejjel, programmi ta' tagħlim u eżamijiet *ta' bi-fors*. U hekk jitwettaq kull ma għidna fix-xhur l-imgħoddija.